

PARLAMENT TA' MALTA

# SETTE GIUGNO

6 June 2022

Valletta




PARLAMENT TA' MALTA

# SETTE GIUGNO

6 ta' Ġunju 2022

Il-Belt Valletta

Cover photo: Department of Information

Ritratt tal-qoxra: Dipartiment tal-Informazzjoni

# Programm Uffiċjali u

# Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia

# Speaker tal-Kamra tad-Deputati

# Parlament ta' Malta

# fl-okkażjoni tat-tifkira

# tas-SETTE GIUGNO

**It-Tnejn, 6 ta' Ġunju 2022**

# DISKORS FL-OKKAŻJONI TAS-SETTE GIUGNO 2022

Għada s-7 ta' Ġunju – minbarra li Malta tfakkar l-irvellijiiet li seħħew fis-7 ta' Ġunju 1919 ftit 'il bogħod minn fejn ninsabu llum – ser inkunu qegħdin nagħlqu xahar mill-bidu tal-14-il Leġiżlatura, allura xahar minn meta l-Parlament reġa' beda xogħlu wara l-elezzjoni ġenerali tas-26 ta' Marzu 2022. Ta' min jinnota li b'79 Membru, dan huwa bla dubju l-akbar Parlament fil-mitt sena storja tiegħu, anniversarju li proprju ċċelebrajna s-sena li għaddiet. Minn dawn id-79 Membru, 34 minnhom – kważi nofshom – huma Membri ġodda, filwaqt li 22 huma nisa. Dawn iż-żewġ aspetti jawguraw tajjeb sabiex tassew ikollna demokrazija parlamentari li tkun dejjem relevanti għaż-żminijiet tal-lum u tassew rappreżentattiva tas-soċjetà tagħna.

Dan nara li għandu wkoll rabta mal-avvenimenti tas-Sette Giugno tal-1919 li qegħdin infakkru llum.

Bħalma nafu s-Sette Giugno huwa simbolu ta' perjodu fl-istorja ta' pajjiżna kkaratterizzat minn protesti kbar fil-Belt minħabba problemi ekonomiċi li kien jinsab fihom il-pajjiż, ewlenin fosthom il-prezzijiet għoljin tal-ħobż, bil-konsegwenza li ħafna Maltin kienu qed ibatu l-ġuħ. Din is-sitwazzjoni rriżultat f'taqlib politiku kbir. Hawn ta' min jgħid illi l-Kostituzzjoni ta' dak iż-żmien ftit li xejn kienet tagħti saħħa lill-Maltin sabiex jipparteċipaw fit-tmexxija ta' pajjiżhom. Dan l-isfond ta' nuqqas ta' awtorità politika li tista' tmexxi fl-aħjar interess tal-pajjiż, wassal biex tliet familji – ċjoè Cassar Torregiani, Francia u Farrugia – li kienu l-importaturi ewlenin tal-qamħ f'pajjiżna, spiċċaw fil-mira tal-poplu Malti li fis-7 ta' Ġunju 1919 tela' l-Belt biex jipprotesta.

Kaġun ta' dik il-protesta, f'dik il-ġurnata u l-għada, spiċċaw tilfu ħajjithom erba' persuni – li huma mfakkra fuq dan il-monument li ninsabu quddiemu – Manwel Attard, Karmnu Abela, Ġużè Bajada u Wenzu Dyer. Dan wara li l-64 suldat Ingliż li kienu qegħdin hemm biex iferrxu lin-nies waqt protesta mill-Maltin, fetħu n-nar u użaw il-forza fuq il-folla.

Minn diversi dokumenti ta' dak il-perjodu joħroġ li fil-protesti ta' Ġunju 1919, minbarra dawn l-erba' rġiel, kien kien hemm sa erba' persuni oħra li nqatlu jew ġew feruti gravi b'riżultat tat-tiri li ġew sparati jew inkella b'daqqiet tal-bajunetta. Vittma minnhom, pereżempju, kien missier li mar

biex jara fejn hu ibnu, imma peress li rreżista l-arrest, spiċċa ġie maqtul b'daqqa ta' bajunetta. Mhux inqas minn 19-il persuna oħra sofrew ġrieħi, saħansitra żagħżugħ ta' 15-il sena. Dan kollu jixhed kemm il-Maltin ma kellhom ebda awtorità fejn tidħol iż-żamma tal-ordni f'pajjiżhom.

Xi jfisser dan kollu? Il-Maltin riedu jimxu 'l quddiem. Il-Maltin riedu jaraw li jkollhom ħajja aħjar. Riedu li jkollhom awtorità fuq it-tmexxija ta' ħwejjiġhom. Irridu niftakru li f'dak iż-żmien il-Kostituzzjoni ma kienet tagħti l-ebda jedd lill-Maltin fit-tmexxija tal-pajjiż, lanqas f'dawk il-materji lokali li kienu jaffettwawhom b'mod dirett. Kif nafu, dan seħħ sentejn wara, fl-1921 bl-għoti tal-Kostituzzjoni Amery-Milner, magħrufa wkoll bħala l-Kostituzzjoni tas-self-government. Minkejja dan il-pass 'il quddiem, ta' min jinnota li d-dritt tal-vot biex wieħed jeleġġi r-rappreżentanti tiegħu kien limitat biss għal dawk iċ-ċittadini maskili li kellhom il-proprjetà. L-ebda mara, anke jekk sid ta' proprjetà permezz ta' wirt, pereżempju, ma kellha dritt għall-vot. Kellhom jgħaddu kważi 30 sena oħra, biex fl-1947 daħal id-dritt tal-vot għall-mara.

Kif inhu xieraq, ta' kull sena nfakkru dak li ġara fis-Sette Giugno imma naħseb li llum, meta għandna Parlament b'rappreżentanti aktar friski, li magħhom qegħdin iġibu firxa usa' ta' esperjenzi, u li żgur kollha jaspiraw lejn futur aħjar għal pajjiżna, għandna nieqfu u nirriflettu dwar kif kull wieħed u waħda minna jista' jikkontribwixxi għall-mixja demokratika ta' pajjiżna. L-avvanzi li għamel il-poplu Malti fis-Sette Giugno tal-1919 kienu strumentali biex tibda l-mixja 'l quddiem, anke jekk b'passi żgħar, lejn il-kisba tal-ewwel Kostituzzjoni li tat il-jedd lil missirijietna li jmexxu l-materji interni tal-pajjiż. L-istess nistgħu ngħidu li ġara fix-xhur li għaddew, fejn bil-qbil taż-żewġ partiti ewlenin fl-interess tad-demokrazija parlamentari rappreżentattiva ta' pajjiżna, tressqu u għaddew numru ta' emendi għall-Kostituzzjoni u għal-liġi elettorali biex tiżdied ir-rappreżentanza femminili fil-Parlament. Grazzi għal dan il-mekkaniżmu, li tħaddem għall-ewwel darba fl-elezzjoni tas-26 ta' Marzu ta' din is-sena, il-Parlament Malti, wara tant snin, għandu rappreżentanza iktar denja ta' din il-parti sostanzjali tal-popolazzjoni permezz ta' 22 deputati nisa. Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu l-Parlament għandu rappreżentanza femminili ta' 28%, li għalkemm għadha 'l bogħod ferm mill-mira ta' 40%, tista' żgur titqies bħala pass fid-direzzjoni t-tajba.

Kif jgħallmuna l-ġrajjiet tas-Sette Giugno u dawk li seħħew warajhom, il-kisbiet il-kbar spiss ikunu jafu l-bidu tagħhom f'passi żgħar. Dawn il-ġrajjiet huma wkoll xhieda tal-fatt li kull żvilupp politiku ta' ċertu importanza qatt mhu faċli u li biex wieħed jimplimenta tali żvilupp irid jibqa' dejjem iħares 'il quddiem. Għalhekk issa huwa importanti li l-parteċipazzjoni u l-kontribut tan-nisa fil-Parlament jinħassu u jagħmlu differenza, inkluż fis-17-il Kumitat parlamentari u fid-diversi organizzazzjonijiet interparlamentari li l-Parlament Malti jipparteċipa fihom. Dan tal-aħħar huwa importanti anke minħabba l-fatt li ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali jissanzjonaw lil dawk id-delegazzjonijiet parlamentari nazzjonali li ma jkollhomx rappreżentanza xierqa tas-sess femminili bit-tnaqqis tan-numru tal-voti li tali delegazzjoni kieku kienet tkun intitolata għalihom. Din hija sanzjoni li l-Parlament Malti diġà esperjenzaha.

Proprju ftit tal-ġimgħat ilu pereżempju, f'laqgħa tal-Unjoni Interparlamentari, organizzazzjoni importanti li fiha jipparteċipaw il-parlamenti nazzjonali tal-istati membri kollha tan-Nazzjonijiet Magħquda, kien hemm diskussjoni dwar il-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja li fiha Malta pparteċipat b'mod sħiħ u attiv. Dakinhar, kieku d-diskussjoni waslet għal vot, Malta kien ikollha żewġ voti inqas minħabba li fil-kompożizzjoni tad-delegazzjoni ta' pajjiżna b'mod konsistenti ma kienx hemm parteċipazzjoni ta' membru parlamentari femminili.

Nemmen li bħala pajjiż indipendenti, sovran u newtrali kif *entrenched* fil-Kostituzzjoni Maltija, ninsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex nargumentaw b'konvinzjoni fuq l-importanza tad-diplomazija, inkluż dik parlamentari, kull fejn ikun hemm kunflitt, gwerra jew nuqqas ta' qbil bejn pajjiż u ieħor. Huwa essenzjali li l-parlamenti – li huma r-rappreżentanti ewlenin tal-popli – jiddjalogaw bejniethom, kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fuq livell multilaterali. Bħala Parlament aħna dejjem ninsabu lesti li niddjalogaw ma' parlamenti nazzjonali ta' naħa u ta' naħa oħra mingħajr ebda kondizzjoni. Għalhekk il-parteċipazzjoni parlamentari sħiħa u attiva f'dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Unjoni Interparlamentari, l-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, u oħrajn, hija importanti.

Dan iwassalni għal riflessjoni oħra li nemmen li għandna nagħmlu llum, dik dwar kif inkunu aktar effiċjenti fil-ħin li aħna nallokaw għad-dibattitu

fil-Parlament. Pereżempju, meta wieħed iqis in-numru akbar ta' membri parlamentari li għandhom id-dritt jitkellmu fuq kull mozzjoni, abbozz ta' liġi jew materja oħra, nemmen li għandna mill-aktar fis naraw li jsir it-tibdil meħtieġ fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati sabiex jonqos il-ħin massimu allokat għall-interventi fil-Kamra. M'għandix dubju li kwalunkwe intervent jista' jsir f'20 minuta jew inqas. Jekk forsi hemm bżonn aktar ħin sabiex jintlaħaq qbil dwar l-emendi neċessarji għall-Ordnijiet Permanenti, anke kif ġara f'leġiżlaturi preċedenti, il-Kamra għandha taqbel dwar mozzjoni ta' proċedura li tistipula li l-ħin massimu ta' intervent fil-Parlament ikun ta' 20 minuta. B'dan il-mod nemmen li l-ħin tal-Kamra jista' jsarraf f'aktar xogħol fl-interess tal-ġid komuni, kif wara kollox huwa mistenni mir-rappreżentanti tal-poplu Malti.

Materja oħra li nemmen wasal iż-żmien li nerġgħu niddiskutu hija l-dik tal-ħin li fih jiltaqa' l-Parlament, fejn dan ikun jakkomoda aħjar l-eżiġenzi professjonali, familjari, personali u anke akkademiċi tan-numru akbar u firxa aktar wiesgħa ta' Membri Parlamentari. Hemm ukoll il-kwestjoni tal-introduzzjoni tal-Membri Parlamentari full time u tal-għajnuna li l-gruppi parlamentari għandhom jingħataw. Dan kollu għandu jifforma parti mid-diskussjonijiet li nara li għandhom jingħataw spinta biex il-Parlamentari jkun jistgħu jaqdu dejjem aħjar il-mandat tagħhom, anke, jekk hemm bżonn, permezz ta' riallokazzjoni tar-riżorsi li diġà qed jingħataw.

Punt ieħor li aċċennajt għalih f'diversi okkażjonijiet oħra u li naħseb li wasal iż-żmien li naraw li jitwettaq huwa dak tas-citizen's right of reply, ċjoè mekkaniżmu fejn ċittadin ikollu d-dritt li jirrispondi għal dak li jkun intqal dwaru fil-Parlament. Insostni li filwaqt li huwa essenzjali li l-privileġġ parlamentari jinżamm biex ebda deputat ma jibża' jgħid il-verità, daqstant ieħor huwa importanti li ħadd ma juża l-privileġġ parlamentari b'mod abbużiv u li jagħmel ħsara lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma jistgħux jirrispondu u jiddefendu lilhom infushom fil-Parlament. Sal-lum persuni li jħossu li fil-konfront tagħhom saru dikjarazzjonijiet skorretti minn xi Membru Parlamentari waqt li jkun qed jindirizza lill-Kamra jew lil xi kumitat, m'għandhom l-ebda rimedju, anke jekk forsi dawk il-persuni jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' dak li ntqal fuqhom fil-Parlament jew ikunu għaddejja minn proċeduri fil-qrati.

Hemm diversi mudelli, b'mod partikolari fil-Commonwealth, li wieħed jista' jikkonsidra li jadotta meta jiġi biex jintroduċi din il-proċedura

parlamentari. Mudell interessanti huwa dak li jintuża fil-Parlament ta' New Zealand, fejn huwa l-Ispeaker li jara u jiddeċiedi jekk dak li jkun intqal fil-Parlament minn xi Membru taħt il-privileġġ parlamentari, setax kellu impatt negattiv fuq ċittadin, f'liema każ, mingħajr ma jidħol fil-mertu tal-kumment li jkun ta lok għall-ilment, jippermetti li fir-rekords tal-Kamra tidħol ukoll il-kjarifika li jkun għamel tali ċittadin. F'mudelli oħrajn fil-Commonwealth l-Ispeaker jirreferi l-ilmenti li huwa jirċievi għall-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni ta' kumitat parlamentari.

Minkejja li dan il-kunċett ma hux daqstant komuni barra l-Commonwealth, dan m'għandux iżommna lura milli ndaħħlu din il-proċedura parlamentari li tipprovdi rimedju lil dawk iċ-ċittadini li jħossu b'mod ġusifikat li l-privileġġ parlamentari kien abbużat fil-konfront tagħhom. Dan kif għamilna ftit tas-snin ilu bil-qbil taż-żewġ naħat tal-Kamra meta introduċejna miżuri biex ċittadini ma jkollhomx għalfejn javviċinaw Membru Parlamentari biex jippreżentaw petizzjoni lill-Parlament. Illum ċittadin jaf li jekk il-petizzjoni tiegħu tkun tissodisfa l-kriterji stabbiliti, din se tersaq quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet. Għalhekk, bħalma l-Parlament għamel passi 'l quddiem f'dan ir-rigward, hekk ukoll nemmen li hu opportun li nibdew naraw kif nindirizzaw din il-kwestjoni delikata iżda importanti tas-citizen's right of reply.

Meta nħarsu lura lejn l-iżvilupp tal-Parlament tagħna tul il-ftit iżjed minn mitt sena mill-ġrajjiet li qegħdin infakkru llum napprezzaw aħjar kif demokrazija parlamentari ħajja titlob li nibqgħu dejjem naraw x'jista' jsir biex inkomplu nsaħħu din l-istituzzjoni u dan sabiex nilħqu l-aspettativi dejjem jinbidlu tal-poplu Malti. M'għandix dubju li din l-14-il Leġiżlatura ser issarraf f'ħames snin ta' esperjenza interessanti li matulhom kollha kemm aħna nimpenjaw ruħna sabiex ikollna Parlament li mhux biss jiffunzjona b'mod mill-aktar effiċjenti, imma li jkun dejjem aktar relevanti u ta' eżempju fit-tħaddim tad-demokrazija parlamentari.

Filwaqt li permezz ta' din il-kommemorazzjoni ta' kull sena tas-Sette Giugno nibqgħu nfakkru u napprezzaw dak li għaddew minnu missirijietna, nawgura li permezz ta' din l-istess tifkira nitħeġġu bl-enerġija ħalli nkomplu nsaħħu l-istituzzjoni parlamentari għall-ġid tagħna u ta' dawk li ġejjin warajna.